# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti Istruttorja

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta'  Gunju 2019

**Il-Pulizija**

**[Spettur Sylvana Gafà**
**Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**Paul Cuschieri**
**Robert Galea**

**Il-Qorti**,

Rat li l-akkuzati, **Paul Cuschieri ta' 42 sena, iben Zaren u Doris neè Sapiano, imwieled Pieta', nhar it-28 ta' Dicembru 1969, residenti gewwa 52, Flat 2, Triq Prince Albert, Marsa, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 116970M;**

**U Robert Galea, ta' 30 sena, iben Joseph u Mary Grace neè Dalli, imwieled Pieta' nhar it-8 ta' Mejju, 1981, residenti gewwa 4, Tris it-Tramuntana, Birgu, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 229581M,**

gew imressqa quddiemha akkuzati talli matul il-jum tal-21 ta' April 2012 gewwa Bormla:

1. Ikkommettejtu serq ta' oggetti minn Triq Wigi Rosato, Bormla, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad-detriment ta' Michaela Bianco u/ jew persuna jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi volontarjament hassartu, ghamiltu hsara jew gharraqtu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamiltu hsara f'oggetti, liema hsarat li huma ta' aktar minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), saru ghad-dannu tal-istess Michaela Bianco u/jew persuni ohra.

3. U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi rrendejtu ruhkhom recidivi ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula

Lil Robert Galea wahdu talli matul il-jum ta' l-21 ta' April 2012,

4. Kiser il-provedimenti tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta billi ikkommettajt reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza ghal sentejn moghtija lilek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D, fl-24 ta' Frar 2011.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament jaqra l-akkuzi kontra l-Imputati [a fol. 47].

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali tat-30 ta' April 2012 biex il-kaz tal-akkuzati jigi ttrattat bi procedura sommarja ai termini tal-Artikolu 370 (4) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) [a fol. 32] u l-ezami tal-akkuzati tat-28 ta' Jannar 2015 fejn l-Imputati iddikjara li ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti [a fol. 50 u fol. 51];

Semghet lill-istess imputati jammettu l-akkuzi kollha kif dedotti kontra taghhom [a fol. 50 u fol. 51] waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar 2015,

wara li din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' tali ammissjoni u wara li tathom ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha skont kif irid l-Artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta [a fol. 47].

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kaz;

IKKUNSIDRAT:

Il-Qorti, ghalhekk, in vista ta' din l-ammissjoni tal-akkuzati waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar 2015, u ma tistax ma ssibx lill-Imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti qieset l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat, izda ma tistax ma tiehux kont li l-Imputati ghandhom l-fedina penali kkulurita u huwa ghalhekk recedivi ghal diversi drabi.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li:

Fir-rigward ta' **Paul Cuschieri**, rat l-Artikoli 261, 267, 325, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) rigward l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza,

Fir-rigward ta' **Robert Galea**, rat l-Artikoli 261, 267, 325, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) rigward l-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza kif ukoll l-Artikolu 28 A tal- Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) riward ir-raba' akkuza,

il-Qorti, fuq ammissjoni, issib lill-akkuzati Paul Cuschieri u Robert Galea hatjin tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom kull wiehed ghall-perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal- Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta), qed jigu sospizi ghal sentejn. Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sentejn snin mil-lum.

Il-Qorti, fuq ammissjoni, issib lill-akkuzat Robert Galea wahdu hati tar-raba' akkuza u tordna li s-sentenza sospiza kontra l-istess imputat moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr Saviour Demicoli LL.D, fl-24 ta' Frar 2011, tigi reza ezegwibbli mil-lum.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**